MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru 480/2006

IL-PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN JOSEPH GATT
VS
PAUL CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Paul Camilleri, iben Carmelo u Pauline Farrugia, imwieled l-Imsida fil-8 ta’ April 1957 u joqghod Kampanella, Triq Wled id-Dis, Swieqi ID 280457(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-perijodu bejn 28 ta’ Lulju 2001 u snin qabel din id-data gewwa l-Gzira ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet mghamulin anki fi zminijiet differenti li jkunu l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li gew mghamula b’risoluzzjoni wahda, b’mezz qarrieqa li bihom seta’ waqqaf jew biddel il-kejl jew marker tal-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta’ kurrent elttriku fl-ammont ta’ Lm 6,447.38 minn gewwa l-

fond 115, The Strand Hotel, Triq ix-Xatt, Gzira, bhala d-Direttur jew detentur, jew il-persuna li f'ismu ghandu dan il-fond jew il-persuna li assuma responsabilita', fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur u lok.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess zmien jum, lok u cirkustanzi, ghamel hsara fil-makkinarju jew gumni u fili tal-eletriku, kkaguna t-telf ta' kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser parti ta' xi meter ta' l-elettriku jew sigilli ta' xi meter ta' l-elettriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista tal-eletriku jew sigilli taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi mis-surprise inspection imwettqqa mill-Ufficjal ta' l-EneMalta gie rraportat tbaghbis ta' meter ta' l-elettriku u serq ta' luce eletrika mill-115 The Strand Hotel, Triq ix-Xatt, Gzira, liema Hotel hija gestita mid-Direttur, l-imputat Paul Camilleri kif ammess minnu fix-xhieda tieghu fl-inkjesta.

Mill-Process Verbal jirrizulta illi Mario Cassar u Louis Xerri (impjegati ma' l-EneMalta) sabu illi s-sigilli il-blue tal-meter ta' l-elettriku ta' The Strand Hotel kien mbaghbas u li kien hemm sinjali ta' taghfis fuq l-istess sigilli waqt li s-sigilli homor ukoll kienu mbaghbsin. Irrizulta di piu illi wiehed mill-phases tas-sistema kummercjali ta' luce elettrika tat-three phase ma kienx qed jirregistra l-konsum (vide xhieda a fol.28 u 29 tal-Process Verbal anness mal-atti).

Illi l-Qorti mbaghad rat u ezaminat ir-relazzjoni tal-Perit Hugh Camilleri u l-konkluzjonijiet minnu raggunti fol.24 sa

fol.26 tal-Process Verbal li ta dettalji teknici ta' kif kien qieghed jigi konsmat luce elettrika minghajr ma tigi registrata. Ir-relazzjoni tieghu giet konfermata bil-gurament a fol.15 tal-Process.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta illi l-istess imputat, Paul Camilleri ametta u kkonferma li kien Direttur tas-socjeta' Marketing and Consultancy Limited, propretarja tal-lukanda The Strand Hotel fi zmien indikat fic-citazzjoni. (fol.27)

Di piu, Alan Chetcuti ezebixxa Dok.AC, li flimkien ma' record of consumption, turi kif il-Korporazzjoni EneMalta waslet ghal figura ta' konsum illecitu ta' luce elettrika, f'ammont ta' 15,018.36 Euro (ekwivalenti ghal Lm 6,447.38) li minnhom jrid jitnaqqas depositu maghmul mill-imputat fis-somma ta' 5,823.43 Euro (ekwivalenti ghal Lm2500) fejn allura jibqa' bilanc dovut ta' 9,194.93 Euro (ekwivalenti ghal Lm 3947.38).

Illi l-imputat ghazel li ma jiddiponix f'dawn il-proceduri.

Fl-inkjesta pero' l-imputat iddikjara li ma baghbas ebda meter tad-dawl.

Ikkonsidrat:

Illi l-kaz odjern ma jikkoncernax **biss tbaghbies ta' siggilli ta' meter tad-dawl avolja dawn jirrizultaw ampjament izda jirrizulta addirittura qtugh ta' phase shih minn sistema kummercjali ta' three phase electricity.**

Illi f'kawzi bhal dawn, l-onos tal-prova taqa' fuq l-imputat li 'on a balance of probability ghandu jipperswadi lil din il-Qorti illi talli baghbas ma sarx minnu personalment jew minn persuna mqabbad minnu bil-konsegwenzti serq ta' elettriku.

Illi semplici dikjarazzjoni guramentata illi l-imputat ma baghbasx il-meter ta' l-elettriku, wahedha, meta wiehed

jikkonsidra l-entita' tal-provi migjuba kontra l-imputat, ma hijiex sufficjenti.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261, 263, 264, 270, 267, 269 u 326 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disa' xhur waqt li tordna lill-imputat jhallas is-somma ta' 9194.92 Euro (ekwivalenti ghal Lm 3947.38) lil Korporazzjoni ta' l-EneMalta fi zmien sitt xhur b'rati mensili.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------